# X'IDENTITÀ GĦANDNA AĦNA L-MALTIN?

Wara l-mewt tal-poeta Oliver Friggieri sar ħafna diskors fuq l-għaqda bejn il-Maltin u l-Għawdxin kif ukoll fuq l-identità. Mhux biss l-Istat ħass li kellu jorganizzalu funeral u l-Knisja laqgħetu fil-Konkatidral ta' San Ġwann – l-ewwel darba li poeta kiseb dan il-privileġġ mistħoqq – iżda saħansitra l-istess Prim Ministru ħabbar li diġà kien mexxa biex Heritage Malta tibda taħseb għal monument xieraq.

Oliver Friggieri, li l-ħafna xogħlijiet tiegħu nqraw u nstemgħu f'Malta għal għexieren ta' snin, sa ma miet ma waqafx jgħallem, jikteb, jippubblika u jitkellem fuq il-Malti. Bla dubju kien jafu kważi kulħadd. Barra l-familja, il-kollegi u ħbieb – kienu jafuh ħafna studenti u xandara.

L-istoriku Dr Charles Xuereb sar ħabib ta' Oliver fis-snin 60 u matul dawn id-diċennji intervistah kemm-il darba. Spiċċa biex anki tella' sensiela sħiħa għat-televixin jiddiskuti miegħu d-destin ta' Malta u l-Malti. F'dawn il-paġni ma' Charles Xuereb se nitkellmu fuq aspetti diversi tal-identità Maltija u dwar kif jaħseb li se tkun fil-ġejjieni.

Minn **CHARLES B. SPITERI**


Żewġ poeti li kitbu l-ħajku: Anton Buttigieg, it-tieni President tar-Repubblika ta' Malta, u Oliver Friggieri fl-aħħar tas-snin 70

**Charles, kif taħseb li se nibqgħu niftakru lil Oliver Friggieri?**

Qabelxejn bħala poeta. Hu stess stqarr kemm-il darba li dik kienet l-ewwel u l-aqwa namra tiegħu li resaq lejha b'passjoni li qatt ma heda jħaddimha. F'Malta diffiċli nsibu poeta ieħor li qablu jew warajh se jkun ħalla dan l-ammont ta' poeżiji tista' tgħid fuq kull aspett tal-ħajja, dejjem mogħnija b'xi riflessjoni jew morali, imqar jekk tkun fuq dudu. Kiteb qatigħ ukoll fuqna l-Maltin, minn xiex għaddew missirijietna: hu kien iħares lejn l-istorja b'nostalġija pjuttost romantika iżda anki b'ċanfira fejn ħass il-bżonn.

Kien iħoss kważi missjoni li kulma jikteb – anki r-rumanzi – juru kemm huma boloh il-Maltin u l-Għawdxin f'komunità daqstant żgħira li jkunu mifrudin anki minħabba l-politika, l-aktar meta kull Malti u Għawdxi jixtieq il-ġid lil pajjiżna. Oliver kien iħobb lil Malta patrijottikament u sinċerament u s-sentimenti tiegħu – spiss emottivi – kien jemmen li se jħallihom warajh.

F'ħajku minnhom (versi qsar fi stil Ġappuniż li ħaddem ħafna Anton Buttigieg) ifakkarna:

*Imut poeta*
*U wrajh iħalli xkora*
*Ta' sentimenti.*

Kiteb fuq avvenimenti u istituzzjonijiet politiċi, fuq problemi soċjali b'mod l-aktar reali fejn irrifletta l-ħsieb ta' individwi li mhux dejjem isibu posthom faċilment fis-soċjetà. Fuq kollox kiteb ruxmata poeżiji reliġjużi, innijiet li bosta minnhom il-Knisja immużikathom għal-liturġija. Iżda kiteb ukoll fuq Pariġi li tant laqtitu fejn għanna saħansitra fuq il-qabar tal-kantanta melankonika Edith Piaf.

Kiteb ukoll fuq l-ambjent:

*Jekk tixtieq tara*
*Lill-katidrali t'Alla*
*Mur fil-kampanja*

U kiteb fuq l-annimali l-aktar il-kelb tiegħu li tant kien iħobb:

*Tinsiex, niltaqgħu*
*F'kull każ fil-bieb tal-Ġenna,*
*Għażiż kelb tiegħi!*

**X'tip ta' monument jixraq lil Friggieri?**

Wara t-turija daqstant nazzjonali għal dan l-għannej mibki tal-Maltin jixraq li jkun mafkar nazzjonali. L-Università ta' Malta, skont ir-Rettur, diġà bdiet id-diskussjoni fuq dan il-memorjal. M'hemmx dubju li għandu jkun hemm Taħdita Akkademika kull sena f'ismu; jixraqlu wkoll xi spazju ddedikat lilu fil-kampus fejn qatta' tant snin ixerred is-sabiħ u l-benna ta' lsienna.

Jixraqlu wkoll iżda l-monument pubbliku li nieda l-Gvern. Dakinhar tal-funeral tkellmet ukoll is-Sindku tal-Furjana li qalet diġà qed jaħsbu biex isibu post fil-Furjana stess, barra li jsemmu triq. M'hemmx dubju li fil-Furjana – is-subborg fejn twieled u trabba fit-toroq ta' Balzunetta – żgur isib postu għax jista' jidħol ma' tant nies magħrufa li hemm il-Mall.

Min-naħa l-oħra jekk irridu tassew ngħollu l-idea ta' identità nazzjonali – li tant kien iħobb u xerred hu stess – ma neskludix li l-monument isir fil-Barrakka ta' Fuq. Naħseb li wasal iż-żmien li naħsbu aktar fil-fond u fit-tul kif dan il-ġnien fuq il-port jieħu sura ta' Pantheon (post fejn jindifnu persunaġġi li jkunu taw sehem qawwi għal pajjiżhom u mhux bilfors fil-politika) Malti. Aħna m'għandniex post bħal Ruma u Pariġi (Londra jużaw il-Katidral ta' Westminster) fejn nagħtu ġieħ lix-xjenzjati, artisti, ħassieba, akkademiċi, eroj, patrijottiċi li taw saħħithom, ħajjithom għall-gżejjer tagħna.

**Kif tista' l-Barrakka ta' Fuq issir Pantheon Malti allura?**

Bil-mod u bla wisq taqlib imissna nibdew infittxu dawk il-monumenti, plakki u tabelli li fil-Barrakka ta' Fuq jagħtu ġieħ lil nies li la kellhom x'jaqsmu ma' Malta u wisq anqas mietu hawn.

Eżempji huma l-għadd kbir ta' memorjali lill-Ingliżi fis-servizzi li mietu 'l bogħod minn xtutna jew mietu hawn qabel waslu jew malli ġew, mingħajr ma taw ebda kontribut lokali. Fost dawn jiġi l-ewwel Clement Martin Edwards (1779-1816) li għandu l-aktar monument prominenti quddiem il-lift fl-ispazju grandjuż fejn ħadd iżjed ma jgawdi mafkar ta' dik il-bixra. Bir-rispett kollu dan kien is-segretarju tal-ewwel Gvernatur Maitland mhux f'Malta, imma meta kienu Sri Lanka, qabel dal-gvernatur bagħtuh Malta. Edwards kien sfortunat għax miet ta' 36 sena iżda ma laħaq għamel xejn għal pajjiżna. Maitland ħass li kellu jagħżillu l-aħjar post fil-belt kapitali tagħna. Dan il-mafkar barrani faċilment imur, bl-akbar rispett, f'xi ċimiterju tas-servizzi Ingliżi li huma miżmumin tant tajjeb. Ħafna turisti li jużaw il-lift narahom jieħdu r-ritratti miegħu għax jaħsbu li hu marbut ma' Malta!

Fil-fehma tiegħi floku jixraq monument lil Mikiel Anton Vassalli, li l-Belt ma jidher imkien. Edwards jista' jmur ukoll fil-ġnien ta' Hastings fejn hemm maġġoranza ta' figuri Brittaniċi – fil-fatt nemmen li dak il-ġnien imissu jiġbor il-monumenti ewlenin li għandna l-Belt u li huma tal-Ingliżi (bħar-Reġina Vittorja) u nagħmluh attrazzjoni kbira għat-turisti Brittaniċi, kompluti bi kjosk u kartolini fejn ikunu jistgħu jittimbrawhom b'logo speċjali tat-tifkira tar-relazzjonijiet bejn Malta u l-Ingilterra.

Xtaqt ukoll ngħid kelma fuq l-għamla tal-monument. Wasal iż-żmien li nkunu ftit aktar kreattivi. Kemm se ndumu naraw busti jew irġiel weqfin bil-ġlekk jirraġunaw waħedhom fuq pedestall! Naħseb li l-poeżija ta' Oliver għandha tispira ħafna ideat fil-kompetizzjoni li ġiet imnedija minn Heritage Malta – monument li jagħti ġieħ lill-ilsien Malti wkoll.

**Tkellimna fuq l-identità. Naf li int tispeċjalizza f'dan il-qasam u għandek ideat li għal xi nies huma kontroversjali. X'jista' jsir iżjed milli**

**nikkontestwalizzaw (fejn hemm bżonn inċaqilqu) xi monumenti barranin, kif għadek kemm għidt u nżidu tagħna?**

Qabelxejn ngħidlek li f'Malta, avolja mqabbdin sew mal-komunikazzjoni globali – bl-internet, xandir, kotba, satelliti – iżda qisna ma nistgħux neħilsu għalkollox milli nkunu insulari. Tassew li aħna gżira iżda ċerti rjieħ u rwiefen ta' ideat mondjali jdumu ma jolqtuna.

Nieħdu l-kolonjaliżmu. Wara l-qawmien tal-Black Lives Matter fl-Istati Uniti dis-sena feġġ moviment qawwi kontra l-iskjavitù tal-Afrikani (li kienu bdewh kummerċjanti Ingliżi 400 sena ilu u kaxkru bih mijiet ta' snin) u kontra l-kolonjaliżmu. Hawn bil-maqlub. Ninsew l-iskjavitù (li missna ilna li għamilna monument għall-ilsiera kollha ta' żmien il-Kavallieri bi sħab mal-Ordni f'Ruma) u ninsew is-Suwed (li għadna ma wasalniex biex naċċettawhom mija fil-mija) imma l-kolonjaliżmu għexnieh u allajbierek hawn bosta– inkluż storiċi Maltin – li għadhom iqisuh b'barka u jiddefenduh.



Il-monument ta' Edwards quddiem il-lift fil-Barrakka ta' Fuq li miet ftit wara li wasal Malta bla qatt ma ta kontribut lokali. Floku missna nagħmlu monument lil Mikiel Anton Vassalli

**X'tara ħażin fil-kolonjaliżmu?**

Li poplu jibqa', anki wara l-Indipendenza, b'mentalità kolonjali tissejjaħ mill-istoriku Franċiż Paul Ricoeur 'marda tal-istorja'. L-Ingliżi hawn mexxewna minn imneħirna għal kważi 200 sena, għaddewna passata żmien sa ma tawna ċans niggvernaw lilna nfusna b'mod limitat fl-1921 u baqgħu jagħtuna u jeħdulna l-kostituzzjoni sakemm prattikament ħelsu minna meta raw li ma jridux jonfqu iżjed fuqna. Sinċerament ma naqbilx mal-Integration li Mintoff xtaq iġib, għal raġunijiet validissimi ekonomiċi għal Malta, iżda meta tajniehom test biex naraw hux tassew jixtiqulna l-ġid, beżqulna fis-sunnara u rrifjutaw.

B'xorti ħażina fil-fehma tiegħi l-Belt Valletta għandna wisq monumenti kolonjali ta' propaganda qarrieqa li faċli ngħaddu mingħajrhom. Biżżejjed tara li għadna qisna boloh, ferħanin b'xi sitt armi enormi tal-monarka Brittanika, waħda minnhom quddiem il-gallerija tal-Palazz tal-President Malti, li suppost huwa l-ogħla awtorità. L-uffiċċju tiegħu jixraqlu ħafna iżjed rispett nazzjonali.

Meta wara elezzjoni l-Prim Ministru u l-President joħorġu fil-gallerija tal-Palazz jifirħu bil-poplu, bla ma jridu jbaxxu rashom għall-arma Brittanika fuq il-Main Guard. Hemm armi oħra bħal fuq l-Università l-qadima, fuq il-bini tal-Ministeru tal-Ekonomija fi Triq Merkanti, kif tidħol fil-Palazz fil-bitħa...kieku jien, wara li nneħħu l-istatwa tar-Reġina minn Pjazza Repubblika, minn dawn l-armi kollha nżomm biss dik l-arma rjali ta' fuq Bieb Vittorja għax tinsab qrib il-baħar fejn fil-Port il-Kbir kien ikollna l-flotta kbira Ingliża tal-Mediterran li ta' min ifakkarha.

Possibbli għad hemm bżonn nuru lil kull min jiġi Malta li l-Belt Valletta għadha Brittanika (kif xtaqu huma meta konna kolonja)? Veru li xejn ma jħassar li kienu hawn il-kolonjalisti Brittaniċi iżda meta se niddeċiedu li Valletta tkun kapitali tassew tal-Maltin? Il-bilanċ tal-monumenti fil-Belt hu kontra tagħna stess li ngħixu hawn.

**Għaliex taħseb li għad fadal ħafna Maltin ma jaċċettawx dan l-argument tiegħek?**

Ngħiduha kif inhi, mhux kulħadd. Hawn bosta li jemmnu li għamilna snin twal nilagħqu lill-barrani u għaddejna minn ġlidiet politiċi, xi wħud imdemmija bħall-1919, biex irkuprajna ftit. Hawn ħafna Maltin u Għawdxin li kburin b'dak kollu li jagħmilna Maltin, iżda fadal numru li tant saru vittma tal-effett li ħalla fuqhom il-kolonjaliżmu (dak kien l-iskop tal-kolonjalisti) li għadhom sal-lum, imqar bla ma jafu, ikasbru dak li jagħmilna Maltin tassew.

Nieħu l-ilsien. Spiċċajna li ħafna li jitgħallmu l-iskola u jmorru l-università, bla ma jridu jużaw ħafna l-Ingliż. Ma jimpurtax. Jien inħobb ħafna l-Franċiż u t-Taljan barra l-Ingliż u l-Malti. Iżda hemm numru kbir minnhom li mingħalihom li l-Malti mhux importanti. Jinsew li l-kostituzzjoni tgħid ċar u tond li l-Malti biss hu nazzjonali.

Ma jistudjawx il-Malti bis-serjetà waqt li jkunu l-iskola u biex jgħattu dan in-nuqqas ma jurux rispett biżżejjed lejn ilsienna. Għad hawn stazzjonijiet pubbliċi li ma jistgħux jifhmu li l-virus hu Covid-Dsatax bil-Malti u jibqgħu jgħiduha bl-Ingliż bħallikieku l-Malti ma jaqdiniex. Kull pajjiż fid-dinja qaleb isem dil-marda fil-lingwa tiegħu minnufih – aħna bqajna bil-vizzji kolonjali. Ħafna jagħmluha bla ħsieb...iżda mhix skuża. Daħħalna swab meta għandna 'kampjun', daħħalna cluster meta għandna 'grupp', bil-maskra n-nuċċali jiċċajpar mhux jiffoggja...

Bosta f'Malta baqgħu jemmnu li m'hemmx għaliex tirrispetta 'l-Malti għax ma tasal imkien bih. Oliver Friggieri tana eżempju kemm mhux minnu. Il-kotba tiegħu kitibhom bil-Malti u ġew tradotti f'diversi lingwi barranin. Il-Malti ġie rispettat.

**Is-simboli kemm jgħinu fl-identità?**

Huma l-qofol ta' kollox għax bla kliem u bla sliem jagħtu messaġġ. L-akbar problema li għandna hu l-George Cross fuq il-bandiera li r-Re Ġorġ VI poġġieh waqt il-gwerra. Fuq bandiera li tgħodd mijiet kbar ta' snin, waħda mill-eqdem fid-dinja, titqies 'sagra'.

Meta ksibna l-Indipendenza u sirna Repubblika messu għeb, iżda l-partiti fil-gvern dak iż-żmien beżgħu li jistgħu jnaffru 'l-votanti li kienu jaħdmu mal-Ingliżi jew jieħdu xi pensjoni tagħhom. Iżda llum spiċċajna aħna biss, bħala pajjiż repubblikan fid-dinja li għadna nġorru għelm ovvju tal-kolonjaliżmu.

**Allura l-bandiera nħalluha ħamra u bajda biss?**

Hekk għannielha Dun Karm. Hekk għamluha missirijietna xi 800 sena ilu. Tajjeb inżidu li l-George Cross ma jidentifikana mkien iżjed.

Is-simbolu tagħna l-Maltin jinsab magħruf ma' kulħadd bħala s-Salib tat-Tmien Ponot. Ma tawhulniex il-Kavallieri – ħadniehulhom wara li telqu biex nuru li għalkemm fis-seklu 19 sirna kolonja Brittanika, il-vera identità tagħna kienet se tibqa' Maltija. Il-Kavallieri perpru dak is-salib fuq il-bjut Maltin għal 300 sena...il-Maltin għoġobhom (bħalma ta' qabilhom kienu għoġbuhom l-aħmar u l-abjad tan-Normanni) u għamluh tagħhom, bħalma għamlu l-festa tal-Vitorja avolja l-assedju kien tal-Kavallieri.

Illum mill-futbol sal-arma tal-Kardinal Grech, li għadu kemm għolla isem Malta fil-Vatikan, nużaw is-Salib tat-Tmien Ponot biex niftaħru li aħna Maltin. Ħadd ma juża l-George Cross. Jgħaddu kemm jgħaddu snin, jibqa' mpoġġi hemm mill-barrani u jissimbolizza l-kolonjaliżmu, tant mistmerr illum. Il-midalja kien ħaqqna żgur, iżda posthom fil-mużewijiet mhux fuq il-bnadar.

Qabel ma nifhmu nkunu kburin b'dak li aħna, ħaddieħor jibqa' jara fina sens ta' inferjorità u dak żgur mhux se jgħin fl-identità Maltija.

**"Bil-mod u bla wisq taqlib imissna nibdew infittxu dawk il-monumenti, plakki u tabelli li fil-Barrakka ta' Fuq jagħtu ġieħ lil nies li la kellhom x'jaqsmu ma' Malta u wisq anqas mietu hawn**